MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 1704/2005/1

**Sea Malta Company Limited,**
**u b'Digriet tal-10 ta' Mejju 2006 it-Tribunal laqa' t-talba illi l-isem tas-socjeta' attrici jinbidel u jinqara 'John Abela u l-Avukat Dr. Andrew Chetcuti Ganado bhala stralcarji ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Sea Malta Company Limited'**

**vs**

**Reuben Micallef**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Lulju, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija u

hamsin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm350.45c) rapprezentanti spejjes ta’ garr u servizzi ancillari rezi lill-konvenut in konnessjoni mal-garr ta’ merkanzija fuq il-vapur MV Zebbug, liema vapur wasal Malta fl-10 ta’ Mejju 2005. Bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjes.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi l-allegazzjonijiet attrici huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li l-esponenti qatt ma inkariga s-socjeta’ attrici u ma kien hemm ebda ftehim. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta’ attrici li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Sema’ x-xhieda ta’ Raymond Darmanin prodott mis-socjeta’ attrici.

Ra r-rikors tas-socjeta’ attrici tad-9 ta’ Mejju 2006.

Ra d-Digriet ta’ dan it-Tribunal kif diversament presjedut tal-10 ta’ Mejju 2006.

Ra d-Digriet tal-15 ta’ Mejju 2007, fejn il-kawza giet differita sine die.

Ra r-rikors tas-socjeta’ attrici tat-3 ta’ Lulju 2007.

Ra d-Digriet tat-3 ta’ Lulju 2007.

Ra l-verbal tas-seduta tal-17 ta’ Jannar 2008.

Sema x-xhieda tal-konvenut Reuben Micallef.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi s-socjeta’ attrici pproduciet bhala l-uniku xhud taghha, lill-Raymomd Darmanin li xehed

sempliciment illi l-kawza odjerna qed issir ghall-gbir ta’ freight u local charges fir-rigward ta’ transport ta’ trakk li kien jghajjat lill-konvenut, liema trakk wasal Malta fl-10 ta’ Mejju 2005 fuq il-vapur MV Zebbug.

Mistoqsi in kontro ezami, jekk il-konvenut kienx ta xi struzzjonijiet lis-socjeta’ attrici sabiex din iggorr xi merkanzija ghalih, ix-xhud qal li le. L-istess xhud qal ukoll illi meta huma kienu bghatu ghall-konvenut sabiex jinfurmawh illi t-trakk kien wasal u li kien gie skarigat, il-konvenut qatt ma mar sabiex jigbor it-trakk in kwistjoni.

Is-socjeta’ attrici ma esebiet l-ebda dokument kwalsiasi in sostenn tat-talba taghha. Alavolja saret referenza ghall-polza ta’ karigu mix-xhud fuq imsemmi dan id-dokument ma giex esebit nonostante li kien ikun dokument essenzjali f’kawza bhal din.

Jigi rilevat illi s-socjeta’ attrici, alavolja inghatat l-opportunitajiet kollha sabiex tipproduci l-provi taghha, naqqset ghal kollox milli taghmel dan. It-Tribunal ma jistax jiehu in konsiderazzjoni kwalsiasi referenza li saret ghall-polza ta’ karigu, ghaliex din lanqas biex giet esebita. Ghalhekk in vista tal-fatt illi s-socjeta’ attrici bl-ebda mod ma rnexxilha tipprova dak li qed titlob fl-Avviz minnha pprezentat, u peress illi l-konvenut xehed illi huwa qatt ma ghamel xi ordni mas-socjeta’ attrici ghal xi importazzjoni ta’ xi oggetti jew merkanzija ohra, it-Tribunal jidhirlu illi l-eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal filwaqt illi jilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jichad it-talba attrici. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ attrici.**”**

L-aggravju tas-socjeta` attrici fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu fis-sens illi l-polza tal-kariku kienet evidenza tal-kuntratt tal-garr. Hi tikkampa dan fuq is-supposizzjoni illi dan id-dokument kien gie esebit fil-kors tax-xhieda ta' Raymond Darmanin prodott minnha;

Il-konvenut ma wegibx ghal dan l-aggravju. Ciononostante, dan ma jzomm lil Qorti milli tinvestiga, qabel kollox, jekk l-appell interpost huwiex ammissibbli, trattasi minn talba fejn il-valur ma jiskorrix il-hames mitt lira (Lm500);

L-ezercizzju certament jimporta l-ezami jekk l-appell b'dak l-aggravju jirrientrax f'xi wahda mill-ipotesijiet stabbiliti mil-ligi specjali fl-Artikolu 8 (2) ta' l-Att V ta' l-1995. Eliminati s-subparagrafi (a), (b) u (c) tieghu, gjaladarba ebda eccezzjoni jew sottomissjoni ma tqajmet fil-kuntest taghhom, biex din il-Qorti ssib l-appell ammissibbli jrid jirrizutalha illi t-Tribunal "jkun b'mod gravi, mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' ekwita skond il-ligi, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella". Kif osservat minn din il-Qorti fid-decizjoni "**Carmen Borg -vs- Ronald A. Cachia (Phoenicia Laundry and Dry Cleaning)**", 5 ta' Ottubru, 1998, "mhux kull infrazzjoni ta' din ix-xorta allura tiggustifika appell lil din il-Qorti. Mhux biss. Anke fejn tali infrazzjoni tkun gravi, irid jigi pruvat li dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella. Pregudizzju li jrid ikun reali u materjali ghax hu marbut mal-jeddijiet ta' l-appellant u ma xejn aktar";

Premess dan, fil-hsieb tal-Qorti, l-estremi senjalati mill-Qorti fis-sentenza succitata, f'dan il-kaz ma jissussistux. Dan ghal zewg motivi. L-ewwelnett, is-socjeta` appellanti nnifsiha ma tqajjem l-ebda ilment ta' xi ksur ta' l-imparzjalita` jew tad-dritt ekwitativ. Hi tillimita ruhha ghal kontestazzjoni illi d-dokument kostitwit mill-*bill of lading* kellu jikkonforta u jsostni l-allegazzjoni taghha ta' l-ezistenza tar-rapport kontrattwali ta' trasport bejnha u l-konvenut. Fit-tieni lok, jekk gie subit pregudizzju dan kien

*self-inflicted* in kwantu s-socjeta` attrici naqset milli tipproduci dak l-istess dokument fil-mument opportun quddiem it-Tribunal. Mhux accettabbli dak sottomess minnha illi hi kienet taht l-impressjoni illi dak id-dokument kien gie esebit fil-waqt tad-deposizzjoni ta' Raymond Darmanin, Line Manager mas-socjeta` attrici. Titwila anke superficjali lill-unika testimonjanza tieghu a fol. 13 tal-process turi, invece, illi dan ix-xhud kien irrizerva li "f'seduta ohra nesebixxi kopja tal-polza tal-karigu ...". La dan ma sarx minnu, is-socjeta` attrici ma tistax tlum lit-Tribunal li ddecieda kif iddecieda;

Huwa, del resto, principju sew konoxxut illi l-gudikant hu fid-dmir li jiddeciedi *iuxta alligata et probata* u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tkun estratta unikament mic-cirkustanzi tal-fatti dedotti u mill-provi offerti mill-partijiet fil-kawza. Di regola, it-Tribunal ma jindahalx fix-xorta tal-provi li l-parti ghandha ggib. Dan hu mholli fid-disponibilita` u l-inizzjattiva tal-parti li taghmel l-allegazzjoni. Kompitu tat-Tribunal hu dak li jiddeciedi l-kawza in bazi ghall-provi sottoposti ghall-ezami tieghu. Jekk allura l-parti titraskura u, bhal f'dan il-kaz, tonqos li ggib il-prova dokumentali ghad-dizimpenn ta' l-oneru gravanti fuqha biex tissorreggi d-domanda, l-ebda censura ma tista' tigi rinfaccjata lit-Tribunal ta' xi pregudizzju pretestwuz;

Is-socjeta` appellanti lanqas tista' tippretendi issa f'dan l-istadju ta' l-appell li ghandha tigi permessa timla l-lakuna fil-provi taghha fil-kontestazzjoni tal-konsiderandi tat-Tribunal fis-sentenza appellata li tkun irrilevat dik l-istess lakuna. Kif espress minn din il-Qorti tliet kwarti ta' seklu ilu, Qorti ta' revizjoni ma ghandhiex, hlief fil-kazijiet tassattivi elenkati mil-ligi, tigi konvertita f'qorti ta' prim'istanza. "Mhux bizzejjed li jigi allegat illi jekk jigu mizjuda dawk ic-cirkustanzi mix-xhieda li diga xehdu, il-fattijiet ikunu ppruvati ahjar, ladarba dawk ic-cirkustanzi setghu u jmisshom gew rilevati fl-ewwel istanza" ("**Giuseppe Buttigieg -vs- Nicola Aquilina**", Appell Inferjuri, 11 ta' Settembru, 1937);

In bazi ghar-rizultanzi istruttorji din il-Qorti ma tistax ma taqbelx mal-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal. Mhux il-kaz li zzid ebda riljev iehor mal-konsiderazzjonijiet gja maghmula hlief forsi biex tikkonkludi illi l-aggravju kif propost ma jistax jigi ezawdit.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew mis-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------